**105. Il-Ministru tat-Turiżmu, l-Onor. Karmenu Vella jipproponi:-**

Billi bis-saħħa ta' tliet Riżoluzzjonijiet dwar l-*Air Malta Company Limited* mgħoddija mill-Kamra tad-Deputati waħda fis-Seduta 169 tal-21 ta' Marzu 1973, l-oħra fis-Seduta 447 tal-11 ta' Awissu 1975 u l-oħra fis-Seduta 438 tas-17 ta' Novembru 1980 il-Gvern issottoskriva b'kollox għal 19,100,000 *'A' Ordinary Shares* ta' 5 ċenteżmi-il waħda u għal 5,000,000 *'B' Ordinary Shares* ta' 5 ċenteżmi-il waħda;

U billi l-kumpannija fis-26 ta' Novembru 1997 għaddiet riżoluzzjoni biex:-

· telimina d-distinzjoni bejn *'A'* u *'B' Ordinary Shares*, u tagħmel ix-*shares* kollha ta' klassi waħda, jiġifieri *Ordinary Shares*;

· tikkonsolida x-*shares* f'*shares* ta' Lm1 minflok 5 ċenteżmi-il waħda;

· iżżid il-kapital awtorizzat għal 35,000,000 *share* ta' Lm1-il waħda;

· u tagħmel tibdil ieħor fil-*Memorandum* u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tal-kumpannija,

liema riżoluzzjoni tikkostitwixxi bidla fil-*Memorandum* ta' Assoċjazzjoni tal-kumpannija;

U billi fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att dwar l-Avjazzjoni Ċivili (Kap 232) kull tibdil jew żieda fil-*Memorandum* jew fl-Istatut ta' Assoċjazzjoni ta' kumpannija li tiegħu, fil-ħin ta' dak it-tibdil jew żieda, il-Gvern ta' Malta jkollu azzjonijiet jew obbligazzjonijiet, ma jkollux effett qabel dik id-data li fiha dak it-tibdil jew żieda jiġu approvati b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati jew f'dik id-data wara, jekk ikun hemm, kif ikun preskritt f'xi liġi oħra;

Għalhekk qiegħed jiġi b'dan riżolut li:

(a) it-tibdil fil-*Memorandum* ta' Assoċjazzjoni tal-kumpannija biex tagħti effett għall-konsolidazzjoni tax-*shares* minn *'A' Ordinary Shares* u *'B' Ordinary Shares* ta' 5 ċenteżmi-il waħda għal *Ordinary Shares* ta' Lm1-il waħda u biex iżżid il-kapital awtorizzat għal 35,000,000 *Ordinary Shares* ta' Lm1-il waħda; u

(b) it-tibdil l-ieħor fil-*Memorandum* u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tal-kumpannija,

kif jidher mill-kopja tar-riżoluzzjoni tal-kumpannija li tinsab hawn mehmuża (għar-raġunijiet kif spjegati fid-dokument li jinsab mehmuż ma' l-imsemmija riżoluzzjoni) jkollhom effett mid-data ta' din ir-Riżoluzzjoni.

26.11.1997